KUNSILL LOKALI GHAJNSIELEM
GĦAJNSIELEM LOCAL COUNCIL

5 ta' Novembru, 2010

LILL-MEMBRI TAL-KUNSILL

**IS-SITT KUNSILL LOKALI T'GHAJNSIELEM**

It-Tlieta u tletin laqgha ta' dan il-Kunsill ser tinzamm nhar il-Hamis, 11 ta' Novembru, 2010 fl-Ufficcju tal-Kunsill, fil-***5.00 ta' wara nofs in-nhar.*** Kulhadd huwa mitlub li jattendi u jkun fil-hin.

**AGENDA**

1. Talba
2. Minuti
3. Korrispondenza
4. Premju Gieh Ghajnsielem u Programm ghal-Gimgha t'Ghajnsielem
5. Rendikont tal-laqgha f'Palermo fuq il-progett Italia-Malta
6. Rendikont ta' l-attendenza tas-segretarju ezekuttiv ghal-kungress fis-Strasbourg
7. Diskussjoni tal-Programm tal-ftuh ufficjali ta' Bethlehem f'Ghajnsielem
8. Laqgha ghall-Kunsillieri ta' Malta u Ghawdex
9. Materji ohra

**Grazzi u tislijiet,**

A. Cauchi

**Amanda Cauchi**
**Seg. Ezekuttiv**

11, Dar Bernardina, Pjazza tad-Dehra, Ghajnsielem. GSM 1200
Tel. No. 21561515 Fax 21560909 E-mail: ghajnsielem.lc@gov.mt

Minuti tat-tlieta u tletin laqgha tas-Sitt Kunsill Lokali t'Ghajnsielem, li nzammet nhar it-Hamis, 11 ta' Novembru, 2010, fis-5.00 ta' wara nofs in-nhar.

| | | |
|---|---|---|
| Prezenti: | Is-Sur Francis Cauchi | Sindku |
| | Is-Sur Stephen Mercieca | Vici Sindku |
| | Is-Sur Larry Buttigieg | Kunsillier |
| | Is-Sur Joe Camilleri | Kunsillier |
| | Is-Sur Peter Caruana | Kunsillier |
| | Is-Sinj Amanda Cauchi | Segretarju Ezekuttiv |

1. Talba – Wara li s-Sindku qal it-talba, ta bidu ghal-laqgha.

2. Korrezzjoni u approvazzjoni tal-Minuti

   Paragrafu 11 – is-Sur Buttigieg ikkorega dan il-paragrafu fejn qal li l-assocjazzjoni ta' l-isnooker Ghajnsielem giet mistiedna ghal-*tournament* ta' snooker fil-Mellieha, u s-Sur Buttigieg staqsa x'possibilita` hemm li l-Kunsill jorganizza gita ghall-Mellieha ghar-residenti tar-rahal li tkun bhala harga kulturali, kif ukoll jkunu ta' sapport ghal-grupp ta' l-isnooker minn Ghajnsielem ghall-istess tournament.

   Wara konsiderazzjoni tal-minuti, dawn gew approvati kif prezentati u ghalhekk iffirmati mis-Segretarju Ezekuttiv u s-Sindku.

3. Korrispondenza

   - Invit mill-fondazzjoni Oasi – cerimonja tal-ghoti tar-Rikonoxximent taz-Zaghzugh/a tas-sena 2010 fl-20 ta' Novembru, 2010

   - Tahrika ta' xhud mill-pulizija fuq il-Kiosks ta' Kemmuna – is-Sindku spjega li fl-ahhar tahrika, il-qorti ma lahqetx resqet lil-akkuzati mresqa kollha u ghalhekk raprezentant mill-Kunsill Lokali t'Ghajnsielem rega tharrek biex jaghti x-xhieda tieghu nhar il-15 ta' Frar, 2010, fl-10.00

   - Skema Presepji u twieqi ghal Milied 2010 – il-Kunsill qabel biex ingibu avviz fuq il-Bulettin biex ir-residenti nteressati japplikaw ghal-dawn il-kompetizzjonijiet.

   - Tahrika ta' xhud mill-Assocjazzjoni tal-Kunsilli Lokali – is-Sindku gie mharrek biex jixhed f'kawza fil-bord tat-Tribunal bejn Mario Bugeja vs l-Kunsill Lokali Ghasri, rigward it-tender ta' *street sweeping* tal-Kunsill ta' l-Ghasri. Din ser tkun nhar it-Tlieta, 16 ta' Novembru fis-1.30pm fi Triq l-Arcisqof il-Belt Valletta..

- Evalwazzjoni tat-tender tal-lift tac-Centru Civiku – il-Kunsill ircieva r-rapport ta' l-evalwazzjoni minn ghand l-Engineera Lucienne Scicluna, f'isem Galea Curmi Engineering Consultants, fejn tghid li fil-fehma taghha, t-tender ghandha tinghata lil-S.S. Lifts Ltd, peress li kienet l-aktar vantagjuza u l-orhos ghal-Kunsill. Wara diskuzzjoni, il-Kunsill qabel li jiltaqa ma l-S.S. Ltd fl-ufficju tal-Kunsill biex jiddiskuti dan it-tender.

- MEPA – is-Sindku ta' rendikont tal-permessi u l-applikazzjonijiet godda kif ukoll *enforcement notices* li saru ricenti lill-MEPA fir-rahal t'Ghajnsielem.

4. Bethlehem f'Ghajnsielem

Is-Sindku spjega kif il-Kunsill kien stieden lis-Sindku ta' Bethlehem biex jzur lil-Ghajnsielem sabiex jibdew it-tahdidiet ghal-gemellagg. Is-Sindku ltaqa mas-Sur Joe Mifsud, fejn dan issugerixxa lis-Sindku jibghat stedina lis-Sindku ta' Bethlehem biex jattendu ghac-cerimonja tal-ftuh tal-presepju ta' din is-sena. Is-Sindku kompla jghid li llum, il-Kunsill ircieva risposta minn ghand wiehed mill-Ministri mistiedna, Dr. Shabur Hazboun ta' Betlehem Chamber of Commerce and Industry fejn dan skuza ruhu li ma jistghax jattendi minhabba mpenji ohra. Il-Kunsill ghadu ma rcieva xejn min ghand is-Sindku u l-Ministru tat-turizmu Dr. Khouloud Diabes ta' Bethlehem.

5. Premju Gieh Ghajnsielem

Is-Sur Peter Caruana nnomina lil Franco Ciangura, ta' l-ghajnuna li jaghti fil-presepju u fil-qasam kulturali, kif ukoll lil Joe Rapa, fejn kien persuna mportanti hafna fil-qasam tal-football f'Ghajnsielem, kif ukoll bandist mal-banda ta' San Guzepp u fil-karriera tieghu kien kap ta' skola tajjeb hafna. Is-Sur Larry Buttigieg issugerixxa lil Maria Zerafa, li tahdem hafna bhala *fund raising* ghal-knisja. Is-Sur Joe Camilleri ssugerixxa lil Fra Lorry Zerafa, ghal hidma tieghu fil-kommunita' Frangiskana t'Ghajnsielem, jahdem hafna ghal-festa ta' Sant' Antnin u jghin fis-servizzi tal-knisja tar-rahal. Is-Sindku qal li kien ser jissuggerixxi wkoll lil Maria Zerafa bhas Sur Larry Buttigieg. Is-Sur Stephen Mercieca issuggerixxa lil Alex Spiteri, ta' l-ghajnuna li ta lil-football f'Ghajnsielem, specjalment fil-qasam tan-nursey. Hu issuggerixxa wkoll lil Franco Ciangura.

Wara votazzjoni, l-Kunsill qabel li din is-sena Premju Gieh Ghajnsielem jinghata lil Maria Zerafa. Il-Kunsill ordna lis-Segretarju Ezekuttiv biex jinforma lil Ms. Zerafa b'ittra.

Il-Kunsill iddiskuta l-programm tas-serata ta' Jum Ghajnsielem 2010, fejn hemmhekk jinghata dan il-premju. Kullhadd qabel li din l-attivita' titellgha fic-Centru Parrokjali. Il-programm ser ikun jikkonsisti f'qari ta poeziji, kant u zjara lil-anzjani. Il-Kunsill qabel ukoll li wara s-serata jkun hemm *Get together* fl-istess sala. L-attivita` ser issir nhar il-Gimgha, 10 ta' Dicembru, 2010 fis-7.30pm,

dejjem wara l-konferma minn ghand l-Arcipriet tal-parocca. Il-Kunsill qabel li jistieden lil membri tal-familja Zerafa u lir-raprezentanti ta' l-ghaqdiet tar-rahal kif ukoll l-Arcipriet tal-Parrocca, u l-vici Parroku. Wara s-serata jkun hemm *refreshments* ghall-okkazjoni. Is-serata tkun mimlija bil-grupp tal-Kant Virgo, li jaghmel parti mill-kor tal-Knisja, u min Daphne Xuereb billi tkanta xi kanzunetti. Gie deciz li Ms. Orietta Buttigieg tmexxi din is-serata minn fuq il-palk.

Bhala parti mill-programm tal-gimgha t'Ghajnsielem, il-Kunsill bhall kull sena ddecieda li jaghmel zjara lill-anzjani li ma johorgux mid-dar. Is-Sur Camilleri ssuggerixxa li l-anzjani li ghandhom 'il fuq minn 80 sena pero li ghadhom johorgu, il-Kunsill izur lill dawn ukoll. Inqalet diskussjoni fuq kif il-Kunsill ser ikun jaf min huma dawk l-anzjani li ghandhom fuq 80 sena, u li ghadhom joqoghdu Ghajnsielem. Gie deciz li jsir avviz fuq il-Bullettin biex min ghandu 'l fuq min 80 sena jcempel il-Kunsill biex jirregistra, u kull min icempel ikollu din iz-zjara mill-Kunsill. Il-Kunsill ghazel l-20 ta' Dicembru biex isiru dawn il-visti, izda jekk ikun hemm hafna applikanti, tizdied gurnata ohra. Is-Sur Joe Camilleri issugerixxa li din is-sena jmorru dawn iz-zjarat wahedhom bhala kunsill u mhux-mar-rapprezentati ta' l-ghaqdiet tar-rahal, u kullhadd qabel ma dan.

6. Italia – Malta

Is-Sindku ta' rendikont fil-qosor taz-zjara f'Palermo, fejn is-Segretarju Ezekuttiv u s-Sindku kienu mistednin. Il-konferenza saret fil-prezidenza ta' Palermo, fejn il-*partners* kollha f'dan il-progett kienu prezenti hlief is-Sindku u s-Segretarju Ezekuttiv tal-Kunsill Lokali tar-Rabat. Is-Sindku qal li hu kellu l-opportunita li jaghmel id-diskors tieghu fuq il-gzira ta' Kemmuna u din x'tofri. Hu qal li gie intervistat ukoll minn stazzjon tat-television ta' Palermo. Is-Sindku qal li l-ewwel fazi ta' dan il-programm kienet giet approvata minn naha ta' Sqallija u issa kien imis l-ahhar fazi, dik li rapprezentanti minn Sqallija jigu Malta biex jiddiskutu dan il-programm mal-*Monitoring Unit* ta' Malta. Is-Sindku spera li jkun hemm approvazzjoni minn naha ta' l-Awtoritajiet Maltin biex dan il-programm ikun jista jitwettaq bejn dawn il-Gzejjer fil-Meditterran fl-iqsar zmien possibli.

7. Strasbourg

Is-Segretarju Ezekuttiv giet mitluba biex taghti rendikont tal-mawra taghha fis-Strasbourg fejn is-Segretarji Ezekuttivi kienu mistiedna mill-Udite biex jippartecipaw f'seminar u workshops ghas-Segretarji Ezekuttivi kollha tal-Kunsilli Lokali fl-Unjoni Ewropea. Hija rringrazjat lill-prezenti ta' l-opportunita' li tawha li tmur ma tmin kollegi ohra minn Malta ghal dan il-kungress fis-Strasbourg. Hija qalet li kien interessanti hafna, fejn f'kungressi bhal dawn tibda tibni relazzjoni tajba mas-segretarji ta' Kunsilli ta' barra min Malta. Din kienet ukoll ta'esperjenza biex tghinek issahhah ir-relazzjoni ma' Segretarji Ezekuttivi Maltin kif ukoll dawk Ewropej biex ikunu jistghu jitwettqu programmi bejniethom, jaraw kif tahdem is-sistema, li hi differenti minn dik ta' Malta.

8. Bethlehem f'Ghajnsielem.

Is-Sindku qara l-lista ta'invitanti ghall-ftuh tal-presepju tas-sena l-ohra, u l-Kunsill qabel li dawn jergghu jigu mistiedna u jizdiedu xi persuni ohra. Din is-sena, il-ftuh ufficjali mill-Prim Ministru Lawrence Gonzi ser ikun is-Sibt, 4 ta' Dicembru, fl-4.30pm. Is-Sur Joe Camilleri issuggerixxa li jsir marc mill-Banda San Guzepp fil-parking sakemm jasal il-Prim Ministru u jiftah il-presepju. Is-Sur Larry Buttigieg kompla jghid li tkun idea sabiha jekk nistghu nghinu lil-banda tar-rahal. Il-Kunsill qabel li titqabbad il-banda San Guzepp biex iddoqq marci tal-Milied ghall-okkazzjoni. Il-Kunsill qabel ukoll li isiru xi refreshments ghal-mistednin. Din is-sena, it-tberik tal-presepju ser isir mil-Arcipriet t'Ghajnsielem, Dun Frankie Bajada. Tul iz-zmien tal-progett kollu, il-Kunsill qabel li jqabbad lil Aurelio Bugeja biex jiprovdi s-*sound* meta l-presepju jkun animat. Il-Kunsill qabel ukoll li jkun hemm *mobile toilet* kull meta jkun miftuh il-presepju.

Il-Kunsill qabel li din is-sena jsir reklam fuq il-gazzetta *90 days in Gozo*, peress li din titqassam f'kull dar b'xejn f' Ghawdex kollu. Sar ftehim ma' l-editur, li l-artiklu ta' Bethlehem f'Ghajnsielem isir fil-faccata u jinkludi wkoll ritratti.

9. Attivita b'risq il-Community Chest Fund

Il-Kunsill qabel li din l-attivita issir il-Hadd, 21 ta' Novembru b'kollaborazzjoni mal-Fondazzjoni Bethlehem f'Ghajnsielem. L-attivita' ser tikkonsisti f' *open day* fil-presepju, fejn min isur is-sit ikun jista jara l-kostruzzjoni tal-progett, bejgh ta' qsari, ikel u xorb tradizzjonali, kif ukoll loghob ghat-tfal. Il-qliegh kollu f'din l-attivita' ser imur b'risq il-Community Chest Fund. Is-Sindku talab lil-Kunsilliera biex ikunu prezenti f'din l-attivita. Ser ikun hemm ukoll prova tal-Fire Fighting mir-Red Cross u l-Protezzjoni Civili kif ukoll jitqassmu c-certifikati tal-Fire Fighting.

10. Laqgha Plenarja

Il-Kunsill ircieva l-korrispondenza ghal-laqgha Plenarja li ssir ghal-kunsilliera darba fis-sena. Il-kunsilliera prezenti, minbarra s-sur Mercieca qablu li jekk ikun provdut it-transport jattendu ghal din il-laqgha li ser issir f'Malta.

11. Celebrazzjoni b'risq il-vittmi tal-gwerra

Is-Sindku rega fakkar li din ic-celebrazzjoni tal-quddiesa ser issir nhar il-Hadd, 14 ta' Novembru 2010 fil-Knisja tal-Partijiet kif kien approvat sena qabel f'seduta tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel li jigi mistieden l-Arcipriet tar-rahal ghal din ic-celebrazzjoni. Wara il-quddiesa, il-Kunsill jiltaqa quddiem il-monument tal-gwerra fil-Pjazza Madonna ta' Loreto fejn issir talba mill-Arcipriet u

diskors qasir ta' l-okkazzjoni mis-Sindku. Wara isir it-tqiegħed tal-fjuri mill-għaqdiet kollha u l-qrabat tal-vittmi. Il-Kunsill approva li tindaqq il-fanfarra mill-banda San Guzepp waqt din l-attivita' u wara jmur ipoggi kuruna fic-cimiterju tar-rahal.

12. Gemellagg ta' Tolfa

Is-Sindku spjega kif il-mawra lejn Tolfa li kella issir fit-8 ta' Dicembru kienet ser tithassar peress li hemm probabilta' li jkun prezenti is-Sindku ta' Bethlehem f'dak iz-zminijiet. Il-Kunsill qabel li jiddeciedi s-sena d-diehla meta jzur lil Tolfa.

13. Librerija fic-Centru Civiku

Is-Sindku ta rendikont tal-laqgha li kellu mas-Sur Charles Farrugia min Foundation for Tomorrow School. Dan issuggerixxa li jinbnew zewg hitan zghar u jsir bejt wara l-Kunsill biex b'hekk il-kuritur ta' l-iskola fejn prezentament hemm in-nicca, jigi mkabbar u jkun jista jigi trasformat ghal-librerija akbar, b'access minn naha tal-iskola kif ukoll minn-naha tal-Kunsill. Is-sur Farrugia qal li kull ma kien ser jidhol fi spejjez il-Kunsill, hu il-bini taz-zewg hitan zghar u bejt flimkien ma l-applikazzjoni tad-DNO, Il-kumplament tax-xoghol kienet ser taghmilhom il-Foundation for Tomorrow School. Is-sur Farrugia qal ukoll li permess ta' DNO minn naha tal-MEPA kien ikun bizzejjed ghal dan it-tip ta' xoghol. Is-sur Farrugia qal ukoll li l-librerija prezenti tigi mghoddija kompletament lill-Kunsill biex ikun jista juzaha ghal-skopijiet ohra. Is-Sindku spjega fuq il-pjanta l-proposta tas-Sur Farrugia u staqsa lill-Kunsill l-opinjoni tieghu. Il-Kunsill approva din il-proposta peress li l-Kunsill kien ser jibbenifika u qabel li jkellem lill-perit Salvu Micallef biex jiccekkja jekk b'applikazzjoni ta' DNO tkunx bizzejjed. Fil-kaz li johrog il-permess, il-Kunsill ikun jista jibda x-xoghol fuq il-hitan.

14. Materji ohra

Joe Camilleri

- Fejn diversi *bus stops* fir-rahal hemm tabelli li juru l-hin li tghaddi l-bus tal-linja, izda l-ktiba fuqhom ma ghadiex tidher. Nitolbu lil Transport Malta biex dawn it-tabelli jsiru godda.
- Issugerixxa li tergha tibda ssir il-kompetizzjoni tal-presepju u l-isbah tisjin fit-twieqi fiz-zmien il-Milied – il-Kunsill qabel li dawn il-kompetizzjonijiet jergghu jibdew isiru. Jinhareg l-avviz lir-residenti b'dawn il-kompetizzjonijiet, fejn jistghu japplikaw sa' l-20 ta' Dicembru. Il-Kunsill

imbghad jiehu hsieb li jmorru l-*judges* fid-djar ta' min applika bejn il-Milied u l-ewwel tas-sena.

- Sitwazzjoni tat-Triq Lourdes – is-Sindku qal li mill-informazzjoni li ghandu, it-tender biex issir din it-Triq giet approvata, izda l-kuntrattur ghadu ma bediex, peress li ghandu hafna xoghol.
- Triq Cordina/Triq il-Bwier – staqsa ghaliex beda l-knis u waqaf. Is-Sindku ser jiccekkja fuq is-sitwazzjoni.
- Triq l-Imgarr – is-sies li jaghti ghal fuq Triq l-Mgarr qieghed icedi meta taghmel hafna xita. Nigbdu l-attenzjoni ghal darba ohra tal-Ministeru ghal-Ghawdex biex issir xi tip ta' xibka u tabelli li juru li hemm gebel qieghed jaqa.
- Bus shelter fil-Gudja u fit-Triq Mgarr – l-applikazzjonijiet ghadhom f'idejn il-perit Sultana.
- Bozza fil-port – is-Sindku qal li kien infurmat mis-sur Tony Borg tal-Ministeru li ser issir.
- Belvedere, Triq Hamri – fanali mitfijin. - Il-Kunsill irrapporta dawn il-fanali fis-sistema, izda peress li hemm hsarat kbar u hemm il-periklu li hallew min-nahha ta' l-Enemalta, il-kuntrattur tal-Kunsill, Richard Cauchi oggezzjona li jirrangahom huwa. Is-Sindku ftiehem mas-Sur Gianni Manpalaw minn l-Enemalta biex l-Enemalta jirrangaw is-sistema tad-dawl kollu tal-belvedere biex wara jkun jista jghaddi d-devolution tal-lampi tal-Belvedere f'idejn il-Kunsill.

Stephen Mercieca

- Rampa fit-Triq il-Hamri – il-Kunsill approva li din titranga mill-haddiema tal-Kunsill
- Bozza gdida fit-Triq Dahla ta' l-Ghama – approvata li l-ewwel ssir it-talba lill-Enemalta.

Larry Buttigieg

- Wifi fuq Kemmuna – il-Kunsill qabel li niktbu lid-Dipartiment biex naraw x'possibilita' hemm li dan isir.
- Fanal quddiem l-store tal-Buzaqq fil-Pjazza Madonna ta' Loreto – miksur u hu ta' periklu ghal-pubbliku. Il-Kunsill qabel li jew jitnehha jew jigi irrangat. Ikun ahjar li jinbidel.
- L-istat tat-Triq tal-Brieghen – is-Sindku qal li suppost ser titranga mic-CMU fi ftit granet ohra.
- Triq Cordina – Problema ta' l-ilma meta taghmel ix-xita. Is-Sindku qal li din il-gimgha ltaqa' ma' Toni Debono u ddeciedu li jittiehdu l-livelli ta' din it-Triq. Ghandu jsir gandott gol-

11, Dar Bernardina, Pjazza tad-Dehra, Ghajnsielem. Gsm 1200
Tel. No. 21561515 Fax 21560909 E-mail: ghajnsielem.lc@gov.mt

bankina biex l-ilma tax-xita jibqa niezel mat-Triq Mgarr jew inkella titnehha dik il-parti tal-bankina sporguta l-barra. Il-Kunsill ghandu jitlob ghal parir minn Transport Malta fuq dan.

Peter Caruana

- Staqsa fuq il- plakka fil-Pjazza tad-Dehra – is-Sindku qal li kien reggha kellem lil-Fr. Joe Bezzina biex jikteb l-istorja fil-qosor bit-Taljan u bl-Ingliz u dan qallu li kien ser jaghmila.
- Triq Malta –*reserved parking* li biex jitnehha ghaliex ma kienx baqa skop tieghu peress li minn kien talab ghalih kien, miet.
- Roundabout in-nahha tal-Gudja – is-Sindku qal li din kienet giet approvata mit-Transport Malta. Huwa ser jiehu hsieb jara x'hemm bzonn isir.

15. Customer Care

- Triq il-Gnien – *double yellow line* u mera – approvata mill-Kunsill
- Triq Filfla – titnehha sleeping police – mhux milqugha mill-Kunsill
- Triq iz-Zewwieqa – nitolbu biex isir *patching* (lil Louis Portelli tar-Roads)
- Triq Simirat ma Triq Borg Gharib – tip ta' *roundabout* – approvata mill-Kunsill u nitolbu parir minn Transport Malta

Is-Segretarju Ezekuttiv informat lil prezenti li ser tkun imsiefra min 14 ta' Dicembru 2010 sa 11 ta' Jannar, 2011. Il-Kunsill awgurala li jkolla btala sabiha.

Il-laqgha ntemmet fit-8.30pm. Is-Sindku sejjah laqgha ohra tal-Kunsill nhar il-Hamis, 9 ta Dicembru 2010, fil-2.00pm.

Francis Cauchi
Sindku

A. Cauchi

Amanda Cauchi
Segretarju Ezekuttiv